



Kunsill Ewropew

Brussell, 13 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

EUCO XT 20022/18

BXT 131
CO EUR 32
CONCL 9

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (Artikolu 50) (13 ta' Diċembru 2018) - Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet¹ isibu meħmużin il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew (Art. 50) fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

¹ Wara notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta l-Istat Membru li hienegħ ma għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew f'deċiżjonijiet li jikkonċernawh.

1. Il-Kunsill Ewropew jerġa' jikkonferma l-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Novembru 2018, li fihom approva l-Ftehim dwar il-Ħruġ u d-Dikjarazzjoni Politika. L-Unjoni ssostni dan il-ftehim u beħsiebha tipproċedi bir-ratifika tiegħu. Huwa mhuwiex miftuħ għal negozjar mill-ġdid.
2. Il-Kunsill Ewropew itenni li jixtieq li fil-futur jistabbilixxi sħubija mill-qrib kemm jista' jkun possibbli mar-Renju Unit. Huwa jinsab lest li minnufih wara l-firma tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jibda t-tħejjijiet biex jiġi żgurat li n-negozjati jkunu jistgħu jibdew kemm jista' jkun malajr wara l-ħruġ ta-Renju Unit.
3. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li s-soluzzjoni ta' kontinġenza hija maħsuba bħala polza tal-assigurazzjoni biex tiġi evitata fruntiera fiżika fuq il-gżira tal-Irlanda u tiġi żgurata l-integrità tas-Suq Uniku. L-Unjoni hija ddeterminata bis-sħiħ li taħdem b'mod rapidu fuq ftehim sussegwenti li, sal-31 ta' Diċembru 2020, jistabbilixxi arranġamenti alternattivi sabiex ma jkunx meħtieġ li tiskatta s-soluzzjoni ta' kontinġenza.
4. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll li, jekk madanakollu tiskatta s-soluzzjoni ta' kontinġenza, din tapplika biss b'mod temporanju, sakemm ma tiġix sostitwita minn ftehim sussegwenti li jiżgura li tiġi evitata fruntiera fiżika. F'dak il-każ, l-Unjoni tagħmel l-almu tagħha biex tinnegozja u tikkonkludi bil-ħeffa ftehim sussegwenti li jissostitwixxi s-soluzzjoni ta' kontinġenza, u tistenna l-istess mir-Renju Unit, sabiex is-soluzzjoni ta' kontinġenza tkun biss fis-seħħ sakemm huwa strettament meħtieġ.
5. Il-Kunsill Ewropew jappella biex tiġi intensifikata l-ħidma ta' tħejjija fil-livelli kollha għall-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit, b'kont meħud tal-eżiti possibbli kollha.